MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2601/1999/1

**QORTI CIVILI – PRIM’ AWLA**

**IMHALLEF : ONOR. DR GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tal-25 ta' Ottubru 2004**

**Citazzjoni numru 2601/99 GC**

**Rennie u Georgina konjugi Pisani**

**vs**

**Carmel u Rita konjugi Caruana**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:

Illi huma s-sidien tal-fond “Languna Blue”, Triq Serafin Tanti, Zebbug, mentri l-konvenuti huma s-sidien tal-fond attigwu bl-isem “Semper Pax” fl-istess triq;

Illi l-atturi qed ikollhom penetrazjoni ta’ ilma prevenjenti minn naha tal-hajt estern konfinanti mal-fond tal-konvenuti li ghandu l-hajt f’livell ta’ tliet filati baxxi aktar mill-fond tal-istanti;

Illi l-atturi immanifestaw l-intenzjoni li jaghmlu l-manutenzjoni preventiva u adegwata mal-waqqaf tal-hajt estern surreferit bil-mod suggerit lilhom mill-perit taghhom;

Illi l-konvenuti oggezzjonaw ghax-xorta ta’ sistema protettiva proposta mill-perit tal-atturi, u nonostante bosta interpellazjonijiet, baqghu adamanti fuq l-oggezjoni taghhom u ma jridux jipprovdu l-mezz biex l-atturi jesegwixxu x-xoghol necessarju u tant mehtieg ghall-konservazjoni tal-fond tagghom;

L-atturi ghalhekk talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

(1) ferma u atteza d-dikjarazjoni illi l-fond tal-istess atturi qed ikollu penetrazjoni ta’ ilma li qed titfacca fuq in-naha tal-fond attigwu detenut mill-konvenuti, tikkostringi lill-istess konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom iffissat, jippermettu, bla ebda tfixkil, lill-istanti biex jaghmlu l-manutenzjoni preventiva b’materjal adegwat mal-waqqaf tal-hajt kif fuq inghad;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali u tal-ittri legali tal-11 ta’ Gunju 1998, 17 ta’ Settembru, 1998, 13 ta’ Novembru 1998, 28 ta’ Dicembru, 1998, u 30 ta’ Awissu 1999, kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti ghas-subizjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-urament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit illi d-domandi tal-atturi huma infondati fid-dritt u fil-fatt.

Apparti li sta ghall-atturi jipprovaw l-allegata penetrazzjoni ta’ ilma fil-fond taghhom, huma m’ghandhomx dritt jesigu li jaghmel xoghlijiet fil-fond tal-esponenti u bi hsara ta’ dawn, aktar u aktar li, l-manutenzjoni li jixtiequ jaghmlu, tista’ ssir fil-fond taghhom stess u minghajr ingerenza fil-proprieta ta’ haddiehor. L-atturi qed jaghmlu din il-kawza biex jaqbdu mal-esponenti. Ghalhekk, u fi kwalunkwe kaz, id-domandi attrici ghandhom jigu michudin bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom; .

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Ottubru 2003 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita sine die u dana wara li gie verbalizzat li l-konvenut ikkonferma li huwa ghamel ix-xogholijiet kif indikati fil-verbal tal-ahhar seduta u li in vista ta' din id-dikjarazzjoni jidher li l-meritu hu esawrit;

Rat ir-rikors tal-atturi tas-26 ta' Novembru 2003 fejn huma talbu li l-kawza tigi riappuntata sabiex tigi trattata u deciza finalment;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-1 ta' Dicembru 2003 fejn gie ordnat li fl-ewwel lok l-atturi kellhom jikkonfermaw bil-gurament il-kontenut tal-imsemmi rikors taghhom tas-26 ta' Novembru 2003;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Gunju 2004 li bih, wara li gie nnotat li r-rikorrenti ottemperaw ruhhom, il-kawza giet riappuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-4 ta’ Ottubru, 2004;

Rat ir-rikors tal-konvenuti tad-19 ta' Lulju 2004 fejn gie premess :-

Illi din il-kawza kienet thalliet ‘sine die’ fit-2 ta’ Ottubru 2003 u ma gietx riappuntata ghas-smigh fiz-zmien ta’ sitt xhur kif impost mill-artikolu 963 tal-Kap 12;

Konsegwentement din il-kawza marret dezerta skond l-istess artikolu u ghalhekk ma setghetx tigi riappuntata,

nonostante d-digriet ta' riappuntament tal-24 ta' Gunju 2004, li ma ghandu l-ebda effett fuq dik id-deserzjoni;

Skond l-istess artikolu Rennie Pisani et ghandhom biss id-dritt li jipproponu l-kawza;

Ghalhekk il-konvenuti talbu li l-imsemmi digriet tal-24 ta' Gunju 2004 jigi revokat;

Rat ir-risposta ta' l-atturi ghat-talba tal-konvenuti ghar-revoka tad-digriet tal-24 ta' Gunju 2003 fejn gie sottomess :-

Illi huma jopponu ruhhom ghat-talba tal-konvenuti ghar-revoka tad-digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' Gunju 2003;

Qabel xejn l-artikolu applikabbli mhuwiex l-artikolu 963 tal-Kap 12 indikat mill-konvenuti izda l-artikolu 964 kif emendat;

L-Art 964(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jipprovdi li : "Kull kawza li jkun hemm f'qorti ta' gurisdizzjoni civili li, wara li tkun giet mressqa ghas-smiegh, tigi b'ordni tal-qorti, differita *sine die* jew xort' ohra sospiza ghandha titqies bhala dezerta sakemm ma tigix appuntata mill-gdid mill-qorti fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur minn meta tkun hekk giet differita jew sospiza jew ikun gie pprezentat fil-qorti rikors, f'dak il-perjodu, biex tigi appuntata mill-gdid. Izda meta l-kawza tkun giet sospiza sakemm tigi deciza kawza ohra, iz-zmien jibda ghaddej mid-data meta din is-sentenza tkun moghtija."

Ir-rikors ghar-riappuntament gie prezentat fis-26 ta' Novembru 2003 cioe entro s-sitt xhur stabbiliti mill-ligi. Sussegwentement din il-Qorti ordnat li r-rikors jigi konfermat bil-gurament; u wara li sar dan din il-Qorti ordnat ir-riappuntament tal-kawza bid-digriet taghha tal-24 ta' Gunju 2004;

Sfortunatament f'dan il-kaz kien hemm dewmien minhabba cirkostanzi incidentali fir-Registru tal-Qorti pero ir-rikors tal-esponenti sar fit-terminu li tistabilixxi l-ligi u

ghalhekk ir-riappuntament kien regolari u t-talba tal-konvenuti ghandha tigi respinta;

Rat l-atti l-ohra kollha rilevanti u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet dwar l-imsemmi rikors tal-konvenuti tad-19 ta' Lulju 2004 (fol.111);

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Ottubru 2004 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita sabiex jinghata l-provediment finali dwar l-istess rikors tal-konvenuti tad-19 ta' Lulju 2004;

Ikkonsidrat:

Bil-presenti qed jinghata l-provediment finali dwar ir-rikors tal-konvenuti tad-19 ta' Lulju 2004 fejn l-istess konvenuti qed jitolbu li l-imsemmi digriet tal-24 ta' Gunju 2004 li bih il-kawza giet riappuntata ghas-smiegh jigi revokat. F'dan ir-rigward il-konvenuti qed isostnu li l-kawza ma gietx riappuntata ghas-smigh fiz-zmien ta' sitt xhur kif hemm dispost fl-artikolu 963 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta). Fil-frattemp il-kawza giet dikjarata dezerta, dejjem skond l-istess artikolu, u b'hekk ma setghetx tigi riappuntata;

L-atturi rrispondew li l-artikolu li hu applikabbli hawnhekk hu l-artikolu 964 tal-istess Kapitolu 12 u skond dan l-istess artikolu r-riappuntament tal-kawza sar b'mod regolari u skond il-ligi;

Il-provedimenti rilevanti hawn huma dawk tal-artikolu 964(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Dan l-artikolu jipprovdi li kawza li tkun giet differita sine die ghandha titqies bhala dezerta sakemm ma tigix riappuntata fi zmien sitt xhur minn meta tkun giet differita sine die jew jekk ma jigix presentata rikors, fl-imsemmi periodu ta' sitt xhur, sabiex il-kawza tigi riappuntata;

Fil-kaz in esami l-kawza ma gietx riappuntata ghas-smiegh fi zmien sitt (6) xhur minn meta giet differita sine

die, pero' r-rikors ghar-riappuntament sar entro dak il-perjodu. Sussegwentement il-kawza giet regolarment riappuntata ghas-smiegh. Ghalhekk ma jirrizulta xejn irregolari ghar-rigward tal-proceduri li saru sabiex il-kawza tigi riappuntata. Ir-riappuntament tal-kawza sar regolament u l-kawza ma tistax titqies li hi deserta. Il-kawza ghalhekk ghandha tissokta skond il-ligi sabiex tigi trattata u finalment deciza;

Fid-dawl ta' dan kollu t-talba tal-konvenuti kif kontenuta fir-rikors in kwestjoni ghandha tigi rigettata;

Ghalhekk tipprovdi billi tichad it-talbiet tal-konvenuti kif kontenuti fir-rikors taghhom  tad-19 ta' Lulju 2004. Tiddifferixxi il-kawza ghal provi kollha tal-partijiet u ghal finali trattazzjoni ghas-seduta tal-

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------